# Xbieha tal-Assunta fil-Knisja tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema



*Mario Fenech*

Il-lokalità ta' Tas-Sliema minn dejjem kienet abitata minn nies li kellhom ġibda speċjali lejn il-Madonna.

L-isem stess ta' din il-lokalità jingħad li ġej minn devozzjoni li kellhom xi sajjieda tal-post li huma u ħerġin mill-port ta' Marsamxett għas-sajda tagħhom kienu jħarsu lejn fanal jixgħel quddiem xbieha tal-Madonna li kien fi qrib il-ponta ta' Tigne u filwaqt li jsellmu jgħidu *Sliema Għalik Marija*.



Dan il-fatt wassal biex l-Ewwel Knisja kienet inbniet lejn dawn l-inħawi u li m'għadiex teżisti kienet taħt il-Ħarsien tal-Madonna.

Knisja qadima li għadha wieqfa hija ddedikata lill-Madonna tal-Grazzja li qiegħda quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris, l-ewwel Parroċċa ta' Tas-Sliema.

It-tieni Knisja mwaqqfa bħala Parroċċa f'Tas-Sliema hija wkoll taħt il-ħarisen tal-Madonna bit-titlu tas-Sultana tal-Qalb Ħelwa ta' Ġesù.

F'din il-Knisja niltaqgħu ma' diversi opri Marjani fosthom l-istatwa titulari tal-Madonna, l-istatwi tal-Madonna ta' Lourdes u ta' Fatima, l-istatwa tad-Duluri, l-Altar tal-Madonna tal-Karmnu, il-pittura tal-Arzella ta' fuq l-Altar tal-kor fejn l-artist Ġużeppi Calì pinġa t-trijonf tal-Immakulata u l-pittura tas-saqaf u l-koppla tal-Knisja li saret mill-artist Pawlu Camilleri Cauchi. Fiċ-ċentri tal-pittura tal-korsija u l-kappelluni tal-Knisja, l-artist pinġa numru ta' episodji mill-ħajja tal-Madonna.

It-tħabbira tal-Arkanġlu Gabriel, it-twelid ta' Ġesù Bambin, l-adorazzjoni tal-Maġi, is-sejba ta' Ġesù fit-tempju, filwaqt li fuq l-altar maġġur tal-Knisja fid-daħla tal-kor l-artist pinġa l-episodju tat-tlugħ fis-sema tal-Madonna.

Dan huwa xogħol mill-isbaħ fejn l-artist ħareġ mill-qalb l-imħabba tiegħu lejn il-Madonna b'kuluri sbieħ flimkien ma' moviment meqjus li jagħti derha ta' glorja fuq wiċċha.

Fil-parti ta' fuq tax-xena b'kuluri li ma jisirqux l-attenzjoni tal-għajn minn fuq is-suġġett, naraw il-Missier Etern, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu qegħdin jilqgħu lil Marija fis-Sema filwaqt li din qiegħda tinġarr mill-anġli fuq tron ta' sħab abjad.

Żewġ anġli żgħar qegħdin jakkumpanjaw dan il-vjaġġ lejn is-sema. Wieħed iżomm fuq rasu l-mant ikħal tal-Madonna filwaqt li l-ieħor qed iżomm ġilju abjad f'idu, simbolu tas-safà tal-Magħżula bħala Omm Alla. Anġlu ieħor qiegħed iżomm b'id waħda l-mant tal-Madonna fuq in-naħa tal-lemin tagħha, filwaqt li qiegħed juriha t-Triq lejn is-sema.



Jikkumplimentaw din ix-xenx tat-Tlugħ fis-sema tal-Madonna erba' anġli kbar jittajru b'idejhom merfugħin il fuq jagħtu glorja lill-Assunta.

Xogħol li jagħti dehra ta' glorja lil din il-ġrajja li l-Poplu Malti minn dejjem kellu, għad għandu għal qalbu u li jiċċelebraw bil-kbir kull sena nhar il-15 ta' Awwissu l-Għid tal-Assunta.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.